KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 357**

**l-Erbgħa 13 ta' Ġunju, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**357.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

357.1.1 Inqrat l-ittra t' appoloġija tal-Kunsillier Domenic Grech.

**357.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

357.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 356. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 356 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**357.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

357.3.1 Is-Sindku irreferiet għat talba li saret mid-Direttorat tal-PARKS biex jitħawwlu 545 siġra u arbuxelli f'parti minn Wied Hesri. Il-kunsill wara li minn naħa tiegħu intrabat li jieħu ħsieb il-manutenzjoni taż-żona u t-tisqija tas-siġar, ġie deċiż li d-direttorat tal-Parks ser ikun qed jgħin biex tittaffa l-ispiża. Għaldaqstant id-Direttorat se jkun qed isaqqi darba fil-ġimgħa kif ukoll il-Kunsill, li ġabar kwotazzjonijiet għal dan il-għan. Is-Sindku nfurmat ukoll li l-konferenza tal-aħbarijiet li kellha ssir flimkien mal-Eccellenza tagħha l-President tar-Repubblika, tħassret u d-data għandha tingħata aktar 'il quddiem.

357.3.2 Is-Sindku tkellmet ukoll dwar l-inizjattiva mill-ħbieb ta' Anabelle Vassallo. Kif kien maqbul il-Kunsill lokali kellu jifforma kumitat biex jgħin lil ħbieb ta' Annabelle fl-għażla tal-proġetti li se jkunu sottomessi mill-għaqdiet non governattivi fis-Siġġiewi. Għaldaqstant sar qbil li fil-kumitat ikun hemm flimkien mas-Sindku, l-Kunsillier Clayton Cutajar u l-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace.

357.3.3 Is-Sindku infurmat lil Kunsill li l-Club tal-Football tas-Siggiewi qiegħed f'diskussjonijiet mal-Malta Football Association u mas-Segretarju Ezekkuttiv fuq proġett ta' nstallazzjoni ta' panelli fotovoltajici għal ground. Il-Proposta hi li l-Kunsill jipparteċipa fl-inizzjattiva tal-Malta Football Association u jgħin biex jitjiebu l-faċilitajiet sportivi biex il-Kunsill ukoll ikun jista joffri aktar opportunijitet ta' spazju miftuħ għal-logħob għat-tfal fis-Siġġiewi. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ġaladarba jsiru l-preparamenti kollha l-Club tal-football jingħata €1,000.

357.3.4 Is-Sindku nfurmat lil Kunsill li l-perjodu ta' zmien tad-Dupat Segretarju Ezekuttiv wasal biex jiskadi. Għalhekk sar qbil unanimu li tiġġedded il-Ħatra tas-Sa Ritienne Giorgino skont il-provedimenti tal-liġi.

357.3.5 Is-Sindku qalet li l-Kunsill ircieva talba mis-Siggiewi Festival Brass Band biex jorganizza mal-ghaqda l-attivitajiet tal-Festa ta' San Nikola tat-tfal. Il-Kunsill Lokali kien jorganizza l-Karnival bi spejjez ta' €700 fis-snin li ghaddew. Il-Kunsill qabel li la darba ma sarx il-karnival din is-sena jorganizza bl-istess ammont ta' €700, attivitajiet ghal San Nikola tat-tfal mas-Siggiewi Festival Brass Band.

**357.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

357.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet

**357.5 Attivitajiet fil-Ġimgħat li ġejjin:**

357.5.1 Festa ta' San Nikola. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill ħa ħsieb li jorganizza laqgħa bejn il-Pulizija u r-rapprezentanti tal-ħwienet tal-pjazza u l-madwar b'rabta maż-żamma tal-ordni fil-jiem tal-Festa Parrokjali ta' San Nikola. Hi qalet ukoll li l-kunsill ħa ħsieb l-organizazzjoni tat-tindif għal granet tal-festa, kif ukoll zdiedet ġabra tal-iskart il-Ħadd filgħaxija peress li fis-snin l-imgħoddija kien qed ikun innutat li T-Tnejn l-Għada tal-Festa, l-iskart fiż-żoni prinċipali kien qed ikun tali qed joħloq inkonvenjent kbir lir-residenti tal-madwar. Għalhekk biex dan l-inkonvenjent jonqos kemm jista' jkun ġie deċiz li wara l-Festa jsir tindif addizzjonali ma dak tal-ġranet l-oħra tal-festa. Sar qbil ukoll li l-Kunsill jagħti donazjoni għall-attivita' tad-day centre fl-okkazzjoni tal-festa. Biex jintlaħqu aktar anzjani id-Diriġenti tad-day Centre ipproponew li flok ħarġa tiġi organizzata Healty Day fiċ-ċentru Ċiviku il-Ħamis tal-ġimgħa tal-Festa.

357.5.2 Sports Day. Is-Sindku qalet li l-preparamenti għall-isports day b'kollaborazzjoni ma' Lifecycle jinsabu għaddejjin u flimkien maz-zumba fil-pjazza se jkun hemm attivitajiet sportivi oħra b'kollaborazzjoni mal-Club tal-Football u dak tal-Basketball. L-attivita nhar it-Tlieta tal-ġimgħa tal-Festa ser tibda fil-6pm.

**357.6 Attivita' tal-Kunsill tat-Tfal b'fondi tal-fundazzjoni Valletta 2018.**

357.6.1 Is-Sindku qalet li l-Kunsill Lokali tat-Tfal qiegħed jiltaqgħa b'mod regolari u qed jaħdem fuq idea li jsir logħob għat-tfal fit-toroq bħal ma kien isir fl-imgħoddi. Din l-attivita' qed tiġi kkordinata wkoll bil-kollaborazzjoni tal-ditta tal-periti AP li kkuntatjaw lill-Kunsill Lokali biex jorganizzaw l-attività b'fondi mill-V18. It-tfal ser jitolbu wkoll laqgħa mal-Kummissarju tat-Tfal.

**357.7 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

357.7.1 Is-segretarju Eżekuttiv ipprezenta rapport ta' applikazzjonijiet li waslu għand il-Kunsill Lokali mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

**352.8 Rapport tal-korrispondenza**

352.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport tal-korrispondenza li waslet għand il-Kunsill fil-perjodu ta' bejn Laqgħa u oħra tal-Kunsill.

**357.9 Ħatriet fil-Board t' aġġudikazzjoni tat-Tenders.**

357.9.1 Is-Sindku fakkret li l-kunsill għandu lista ta' nies li jkunu jistgħu iservu fil-Board ta' aġġudikazzjoni ta' tenders. Hi talbet lil kull kunsillier biex jekk jaħsbu f'persuni li jkunu jistgħu jservu f'dan il-board jitressqu 'l quddiem biex il-kunsll ikollu dejjem lista' ta' rizerva. Hi proponiet li fil-lista żżid lis-Sa Fiona Borg wara li s-Sur Alex Abela, informa lil kunsill li għandu diversi mpenji u jista' ma jkunx disponibbli li jattendi għall-agudikazzjoni ta' xi tenders.Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**357.10 Manutenzjoni tas-Saqaf tal-Kunsill lokali.**

357.10.1 Is-Sindku talbet lis-segretarju jispjega. Is-Segretarju qal li wara li kien ipprezenta r-rapport tal-perit fuq ħsarat fit-travi tas-saqaf tal-uffiċċju tiegħu, ġie deċiż li jsiru żewġ travi fuq is-saqaf biex magħhom jintrabtu t-travi li hemm fil-kamra. Il-Kunsill qabel li jsiru x-xogħolijiet ta' natura urġenti u talab ukoll li tkun notifikata l-insuriance.

**357.11 Inventarju tal-Kunsill.**

357.11.1 Is-Segretarju talab lil kunsill li Printer antik u units ta' AC's antiki li kienu fuq il-bejt jintqatgħu mill-inventarju tal-kunsill biex ikunu jistgħu jintremew. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**357.12 Rapport tal-ilmenti**

357.12.1 Is-Segretarju pprezenta r-rapport tal-imenti li l-Kunsill irċeiva bejn is-seduta preċedenti u l-Erbgħa 13 ta' Ġunju.

**357.13 Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

357.13.1 Il-Kunsilliera tkellmu fuq il-bżonn li jiżdiet it-trasport provdut lil anzjani tad-day centre biex aktar anzjani jkunu moqdijin. Il-Kunsill qabel li s-segretarju ghandu joħrog l-istimi għal dan.

**357.14 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**357.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

352.15.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.00p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2018 fis-6.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 16 ta' lulju 2018.

Dr Alessia Psaila Zammit -Sindku

Keith Galea –Segretarju Eżekuttiv